MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2378/2002

**Business Marketing Services Ltd**
**vs**
**Eric Bartoli**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm86.25 (sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ reklamar li gie stampat mis-socjeta’ attrici fil-hargiet numru “38” tal-magazin “PC World Malta” ippublikat minnha u dan skond il-fattur anness mal-avviz tat-talba Dok A. Is-socjeta’ attrici talbet ukoll l-imghax mid-data tal-fattura relattiva u cioe’ it-30 ta’ Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjez tal-avviz.

Nonostante li gie nterpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk saret din il-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talba attrici hi nfondata filffatt u fid-dritt ghaliex il-konvenut kien

informa lis-socjeta' attrici biex ma jippublikawx l-advert in kwistjoni u dan qabel ma kellu jigi ppublikat l-istess advert.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' ix-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Peress illi t-talbiet attrici ma gewx kontradetti u ghalhekk konsiderati bhala pruvati.

Jiddeicedi billi jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25) kif mitluba.  Bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------